MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 80/2008

**F. Advertising Limited**

**Vs**

**Glen Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-25 ta’ Frar, 2008 fejn talbet lill-Qorti tghid ghaliex mghandux il-konvenut Glen Camilleri jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ disat elef u sebghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€9,070.58) rapprezentanti ammont minnu dovut ai termini ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Mejju, 2006;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Dicembru, 2008 fejn eccepixxa, l-ewwel u qabel kollox illi jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju f'dawn il-proceduri stante illi l-formola li ntuzat biex jigu intavolati l-proceduri odjerni, mhix dik kif rikjesta mill-Ligi u ghalhekk dawn il-proceduri huma nulli u bla effett;

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza;

Illi, u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal, il-konvenut mghandu ebda obbligu kontrattwali mas-socjeta' attrici rigward xi hlas dovut lilha, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt esebit mis-socjeta' attrici stess kif ukoll fit-trattazzjoni tal-kawza;

Din il-Qorti, kif diversament preseduta, semghet ix-xhieda ta' Antoinette Zerafa fl-20 ta' Mejju, 2009 fejn din stqarret illi hi mpjegata mas-socjeta F. Advertising Ltd illi topera l-magazine id-ditta *Owner's Best.* Ix-xoghol ta' din is-socjeta' jikkonsistit f'xoghol li jinvolvi li l-klijenti jcemplu jaghmlu appuntament ma' impjegat tas-socjeta', dawn l-impjegati jmorru d-dar tal-klijenti li jcemplu ghandhom u jispjegawlhom ix-xoghol ta' riklamar li tipprovdi s-socjeta' rikorrenti. Wara li l-klijent jkun iffirma d-dokument relattiv, is-socjeta' tirreklama l-proprjeta' ghall-bejgh. Fir-rigward tal-kaz odjern, Zerafa tghid li l-intimat kien cempel l-ufficcju, ghamel appuntament maghha sabiex hi tispjegalu x'toffri l-kumpanija dwar reklamar, marret ghandu, spjegatlu kollox u wara li spjegatlu anke l-kundizzjonijiet, iffirma kuntratt illi gie pprezentat mar-rikors promotur bhala Dokument A u dan fl-4 ta' Mejju, 2006.

Wara li l-intimat Camilleri dahal fil-kuntratt, huma s-socjeta' rikorrenti, bdew jirriklamaw il-proprjeta' thirty six (36), Triq G. Galizia, Birzebbugia ghall-prezz ta' mija u hmistax-il elf Liri Maltin (Lm115,000) u dan ezattament sitt (6) ijiem wara li ffirma l-kuntratt jigifieri mill-10 ta' Mejju, 2006. Zerafa tkompli tghid illi l-post ikun reklamat kemm fuq il-*website* tas-socjeta' rikorrenti kif ukoll fil-magazine li tohrog l-istess socjeta' bl-isem ta' *Owner's Best* u dan hemm johorgu mija u hamsin elf (150,000) ktieb fix-xahar.

Fil-kaz odjern is-socjeta' rikorrenti intrabtet li tippublika r-riklam tal-proprjeta' ghal tmin (8) darbiet. Zerafa tghid ukoll illi apparti dan is-socjeta' tirriklama wkoll fit-televixin u generalment anke fuq stazzjonijiet differenti izda ma tafx jekk din il-proprjeta' tal-intimat attwalment gietx riklamata jew le.

L-istess socjeta' ghandha sistema ta' riklamar bis-sistema tal-sms's fis-sens illi min hu interessat f'proprjeta' jidhol fil-*website* tas-socjeta', jindika x'tip ta' proprjeta' jixtieq u mabaghad wara li s-socjeta' ssiblu proprjeta' simili mal-esigenzi tieghu jintbghatlu lil din il-persuna sms bir-riferenza tal-proprjeta'. Dwar id-dritt tal-hlas, Zerafa tkompli tghid illi skont il-kuntratt, is-socjeta' rikorrenti jkollha dritt ghall-hlas kemm-il darba l-post jinbiegh fi zmien sentejn. Jekk naturalment ma jinbieghx fiz-zmien sentejn is-socjeta' rikorrenti ma tithallasx. Mistoqsija dwar il-post thirty six (36), Triq G. Galizia, Birzebbugia, Zerafa tghid illi hi taf illi l-post effettivament inbiegh u meta nbiegh il-post il-ftehim kien ghadu vigenti, peress illi sa fejn taf hi l-fond inbiegh fi zmien sentejn mill-iffirmar tal-kuntratt izda ma kenitx taf meta.

Fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2009, xehed Vincent Baldacchino illi qal li bhalma qalet Antoinette Zerafa, l-intimat Glen Camilleri kien dahal f'kuntratt ta' bejgh ta' riklamar tal-proprjeta' tieghu thirty six (36), Triq G. Galizia, Birzebbugia fil-magazine *Onwer's Best*, kif ukoll f'diversi pubblikazzjonijiet u mezzi ohra li huma jaghmlu, liema kuntratt jorbot lill-intimat illi jhallas ammont ta' commission lis-socjeta' rikorrenti jekk fiz-zmien sentejn mill-iffirmar tal-kuntratt iffirmax kuntratt ta' xiri jew ta' bejgh tal-post.

L-istess Baldacchino informa lill-Qorti li skont ricerki illi huwa ghamel fit-8 ta' Mejju, 2007 il-fond mertu tal-kaz odjern inbiegh minn Glen Camilleri lil Simon Tabone u Marianne Tabone ghas-somma ta' tmenin elf Liri Maltin (Lm80,000) u ta' dan huwa esebixxa estratt mir-ricerki illi saru fir-registru pubbliku liema estratt jidher a fol 48 tal-process.

Rat illi l-intimati, illi l-kawza kienet differita ghall-provi tal-intimati fit-3 ta’ Novembru, 2009, fid-19 ta’ Jannar, 2010, fl-14 t’April, 2010, fis-27 ta’ Ottubru, 2010, fit-8 ta’ Frar, 2011, fl-10 ta’ Gunju, 2011 u fl-4 ta’ Lulju, 2011 izda qatt ma gew prodotti provi.

Rat ukoll illi fl-4 ta’ Lulju, 2011 din il-Qorti iddifferiet il-kaz ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut bl-intiza cara illi wara dakinhar il-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza.

Rat illi fil-11 ta’ Novembru, 2011 l-intimat rega’ ma pproduca l-ebda provi u wara illi l-Qorti kienet iddikjarat illi l-provi tal-intimati maghluqa, deher mhux assistit flimkien ma’ xhud izda li ma nsetmghax mill-Qorti peress illi l-intimat ma kienx assistit.

Rat illi sad-data tallum ma saret ebda talba sabiex din il-Qorti tissosspendi l –prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk il-Qorti ser tipprocedi biex tippronunzja s-sentenza taghha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi jidher car li fl-4 ta’ Mejju, 2006 Glen Camilleri kien iffirma ftehim mal-kumpanija F. Advertising Limited fejn kien dahal fi ftehim illi s-socjeta’ rikorrenti kienet ser tipprovdi li d-dettalji kollha tal-proprjeta’ ser jigu ppublikati fuq il-magazine *Owner’sBest* ghal mhux inqas minn sitt (6) darbiet. Apparti minn hekk, il-proprjeta’ tidher fuq il-*website* tal-kumpanija *Owner’s Best* ghall-perjodu ta’ sentejn mill-iffirmar tal-kuntratt, kif ukoll illi tippubblika l-istess proprjeta’ fuq televixin lokali. L-istess ftehim jipprovdi illi l-intimat obbliga ruhu li ghal tali servizzi pubblicitarji huwa kien ser ihallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elef, tmin mija u erbgha u disghin Liri Maltin (Lm3894) ekwivalwenti ghal disat elef u sebghin ewro, hamsa u tmenin centezmu (€9070.58), liema somma kellha tithallas fi zmien sitt gimghat mill-iffirmar tal-konvenju fuq il-proprjeta’ liema somma tibqa’ dovuta sakemm il-konvenju ma jithassarx jew inkella jekk il-klijent ossia l-intimat ikun uza s-servizzi ta’ *recognised estate*

*agents*, f'liema kaz hu kien obbligat li jghaddi kopja tal-konvenju kif ukoll *agency commission sheet* lis-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta' rikorrenti taghraf illi m'ghandha l-ebda drittijiet x'tiehu. Il-ftehim jipprovdi wkoll illi l-pagament jibqa' dovut jekk il-kuntratt finali jkun imhallas fi zmien sentejn mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt mas-socjeta' rikorrenti, jigifieri mill-4 ta' Mejju, 2006. Tali kuntratt jipprovdi wkoll illi f'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas dak li hu dovut huwa jkun suggett ghall-penali ulterjuri ta' hamest elef liri Maltin (Lm5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf u sitt mitt ewro (€11,600).

Il-Qorti tinnota izda, fil-kaz odjern il-mertu tal-kawza odjerna gie limitat biss ghall-pagament stipulat ghas-servizz ta' pubblicita maghmul mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat.

Il-Qorti rat ukoll ir-ricerki esebiti minn Vincent Baldacchino, ricerki tal-intimat Glen Paul Camilleri fejn juri fost affarijiet ohra illi fit- 8 ta' Mejju, 2007 kien biegh maisonette flimkien ma' Penthouse bl-arja taghha, liema maisonette hija fit-tieni sular go blokk illi ghandu entrata gewwa Galizia Street, Birzebbugia, liema bejgh sar veru l-prezz ta' tmenin elf liri Maltin (Lm80,000) ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin elf, disgha mija u erbgha u tletin ewro (€186, 934).

Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-intimati kellu diversi differimenti sabiex jipproduci x-xhieda tieghu, inkluz l-ahhar differiment fejn il-Qorti ghamlitha cara li wara tali differiment, il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza, huwa baqa' qatt ma pproduca provi u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq il-provi illi ghandha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Jidher ippruvat minghajr ebda dubju illi l-intimat kien iffirma ftehim mas-socjeta' rikorrenti illi kienet qed tigi dak iz-zmien rapprezentata minn Antoinette Zerafa, liema Antoinette Zerafa kkonfermat li l-intimat kien iffirma ftehim maghhom fl-4 ta' Mejju, 2006 fejn huma kienu obbligaw ruhhom li jaghtu diversi servizzi filwaqt li hu kien obbliga li

jhallas lis-socjeta’ rikorrenti s-servizzi lilu rezi la darba il-proprjeta’ tieghu tinbiegh fi zmien sentejn mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt.

Jidher ukoll ampjament ippruvat, ghalkemm il-Qorti ma kellhix fil-pussess taghha l-kuntratt originali, illi fit-8 ta’ Mejju, 2007, jigifieri entro il-perjodu ta’ sentejn tal-iffirmar tal-kuntratt tal-4 ta’ Mejju, 2006, l-intimat kien biegh il-proprjeta’ lil terzi u ghalhekk la darba biegh il-proprjeta lil terzi jiskatta awtomatikament l-obbligu minnu rikonoxxut u accettat fil-ftehim tal-4 ta’Mejju, 2006 illi hu jrid ihallas is-somma ta’ disat elef u sebghin ewro,  hamsa u tmenin centezmu (€9,070.58) ghas-servizzi ta’ pubblicita.

Jirrizulta wkoll illi l-Qorti m’ghandha ebda provi li l-intimat utilizza s-servizz ta’ wiehed mir-*recognised estate agents* indikati fl-istess ftehim, b’mod illi allura ma kien hemm ebda lok biex l-intimat ikun ezenti milli jhallas il-pagament dovut lis-socjeta’ rikorrenti.

Ma ngabet ukoll l-ebda prova li tikkontradixxi dak li qalu kemm Antoinette Zerafa u kif ukoll Vincent Baldacchino li l-proprjeta tal-intimat ossia thirty six (36) Triq G. Galizia, Birzebbugia ma kenitx qeghda tigi  publiccizzata fil-magazines tas-socjeta’ rikorrenti fil-*website* tas-socjeta’ rikorrenti kif ukoll ta’ mezzi ohra televizivi.

Illi ghalhekk jidher car illi l-obbligu maghmul mill-intimat versu s-socjeta’ rikorrenti skatta fil-mument illi huwa biegh il-proprjeta’ lil terzi fit-8 ta’ Mejju, 2007 u l-Qorti m’ghandha ebda raguni ghaliex tiddubita li tali ammont ta’ flus kif del resto accettat mill-intimat stess fil-ftehim tieghu, m’ghandhomx ikunu dovuti lis-socjeta’ rikorrenti ghas-servizzi minnhom rezi.

**<u>Konkluzjonijiet:</u>**

Il-Qorti ghalhekk, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa’ t-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara li l-intimat Glen Camilleri ghandu jrodd lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ disat elef u sebghin ewro u tmienja u hamsin centemzu(€9,070.58) rapprezentanti servizzi ta’ pubblicita

lilu rezi abbazi ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Mejju, 2006. Tikkundannah illi jhallas is-somma ta’ disat elef u sebghin ewro u tmienja u hamsin centemzu(€9,070.58) flimkien mal-imghax mill-prezentata tal-avviz ossia mill-25 ta’ Frar, 2008 u bl-ispejjes kollha tas-socjeta’ rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------